MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 370/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Emanuele Infurna (K.I. 21468A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u sitta u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmi (€756.23), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51021602 moghtija mis-socjeta’ attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY 4 – kopja ta’ ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-kapitlu 12; Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-10 ta' Dicembru, 2013 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' seba' mija u sitta u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmi (€756.23) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------